MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 152/2014/1

**Etienne Jeanne Formosa**

**v.**

**Anton u Rita konjugi Piscopo**

Illi dan hu provediment ghat-talba tal-attur, maghmula b'rikors tad-9 ta' April 2014, ghas-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 2014, fil-kawza fl-ismijiet premessi, citazzjoni numru 782/07, u dan pendenti proceduri ta' ritrattazzjoni li ressaq ukoll fid-9 ta' April 2014.

Din il-Qorti ma tarax li hemm lok tas-sospenzjoni mitluba. Fil-kawza fil-meritu, l-attur talab li l-bieb li mill-*washroom* tal-intimati jaghti ghall-bejt tal-blokk ta' appartamenti fejn jghixu l-kontendenti jinghalaq, liema talba giet michuda minn din il-Qorti. B'din id-decizjoni giet stabbilita l-i*status quo* pre-ezistenti u hekk baqghet is-sitwazzjoni sal-lum. Is-sentenza ta' din il-Qorti ma ordnatx li jsir xi haga u lanqas ma ordnat li jigu esegwiti xi xoghlijiet; qalet biss li l-bieb ma ghandux jinghalaq u jibqa kollox kif inhu. Ghalhekk ma hemmx ordni x'tigi sospiza. Kieku din il-Qorti ordnat li jsir xi haga, bhal perezempju, li jinghalaq il-bieb inkwistjoni, allura l-ezekuzzjoni ta' dik id-decizjoni tkun tista' tigi sospiza. F'dan il-kaz, pero`, ma nharget ebda ordni u ma hemmx x'jigi sospiz, u din il-Qorti ma tistax tordna li, b'mod provizorju, issir xi haga li ma ordnatx li ssir. Is-sospenzjoni tista' tinghata ghal dak li ordnat il-Qorti, u mhux biex issir dak li talab l-attur u li, almenu sa issa, gie michud mill-Qorti.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrent Etienne Jeanne Formosa, bl-ispejjez relattivi kontra tieghu, u dan peress li ma hemmx lok ta’ twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-31 ta’ Jannar 2014.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------